

Bażilika San Ġorġ

# IR-RANDAN U L-ĠIMGĦA MQADDSA

***Ċelebrazzjonijiet ta' Fidi u Liturġija għaż-Żmien Liturġiku mill-Erbgħa tar-Rmied sal-Għid il-Kbir***

**mit-22 ta' Frar**
**sad-9 ta' April 2023**

# LITURĠIJA U KATEKEŻI
## FIL-ĠIMGĦAT TAR-RANDAN

### KULJUM
- Il-*Via Crucis* wara l-quddiesa tat-8.00am
- It-*Tifħir ta' Sbiħ il-Jum* qabel il-quddiesa tad-9.00am
- Il-*Via Crucis* qabel il-quddiesa tal-5.30pm

### KULL NHAR TA' ĠIMGĦA
- *Qrar* fil-Bażilika
- *Lectio Divina* minn Dun Joseph Mercieca mxandra fuq Facebook u Youtube

### KULL NHAR TA' ĦADD
- *Il-Quddiesa tal-Familji u t-Tfal* fl-10.00am, mill-Kan. Richard N. Farrugia
- *Il-Kant solenni tal-Għasar* fl-4.30pm, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata
- Kull nhar ta' Ħadd fis-6.30pm ikun hemm *Lectio Divina* minn biblista fis-Santwarju Ta' Pinu

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI
## TAR-RANDAN

### GĦALL-ĠENITURI U FAMILJI
**Mit-Tnejn 27 ta' Frar sal-Ġimgħa 3 ta' Marzu**
**7.30pm:** Prietka minn Patri Martin Cilia MSSP, fil-Bażilika.

### GĦAT-TFAL
**Mit-Tnejn 27 ta' Frar sal-Ġimgħa 3 ta' Marzu**
**7.30pm:** Laqgħa mill-katekisti Noel Formosa u Charlene Zammit, fis-Sala Parrokkjali.
*Fiċ-Ċentru Parrokkjali jingħata s-servizz tal-baby sitting.*

### GĦAL KULĦADD
**Mit-Tnejn 6 sal-Ġimgħa 10 ta' Marzu**
**4.30pm:** Prietka minn Dun Samuel Grech, fil-Bażilika .

## L-Erbgħa 22 ta' Frar
## L-ERBGĦA TAR-RMIED: BIDU TAR-RANDAN IMQADDES

*F'dan il-jum il-poplu ta' Alla mitlub josserva s-sawm u l-astinenza. Ir-Rit tar-Rmied ikun iċċelebrat fil-quddies kollu li jsir fil-Bażilika.*

**5.30pm:** Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet li fiha jsir ir-Rit Solenni tar-Rmied.
**8.00pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.

## Mill-Ġimgħa 3 sal-Ħadd 5 ta' Marzu

Live-in tar-Randan għall-Gruppi tal-Adolexxenti 23four.

## Il-Ħadd 5 ta' Marzu
## Tifkira tal-175 Anniversarju tal-Istatwa tas-Santissmu Kurċifiss

**3.00pm:** Pellegrinaġġ straordinarju bil-Kurċifiss mirakoluż tal-Bażilika, kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi (1848), lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, b'talb speċjali għall-qdusija tal-familja u għall-morda tal-Parroċċa. Mal-wasla tiegħu, Quddiesa fil-wesgħa prinċipali tal-Isptar bis-sehem tal-pazjenti, ir-residenti, il-familjari tagħhom, u l-pellegrini.

*F'każ ta' maltemp, il-pellegrinaġġ jiġi pospost għal data oħra.*

## Mill-Ġimgħa 10 sal-Ħadd 12 ta' Marzu

Irtir tar-Randan għall-Gruppi tal-Koppji.

## Mill-Ġimgħa 17 sal-Ħadd 19 ta' Marzu

Live-in tar-Randan għall-Gruppi tal-Adolexxenti 23four.

## Mill-Ġimgħa 24 sal-Ħamis 30 ta' Marzu
## Jiem tas-Settiena tad-Duluri

**5.30pm:** Quddiesa kantata, bl-omelija fuq il-Verġni Mqaddsa Marija Addolorata. Wara, Rużarju u Barka Ewkaristika.

## Il-Ħadd 26 ta' Marzu
## Il-Ħames Ħadd tar-Randan

**4.00pm:** Via Crucis djoċesana, immexxija mill-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma, fuq l-Għolja Ta' Għammar, l-Għarb.

## Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu
## It-Tifkira Devozzjonali tad-Duluri

**6.30pm:** Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Isqof djoċesan, fi Pjazza Indipendenza. Wara, Pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa devota ta' Marija Addolorata mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.

*Il-quddies ta' filgħaxija fil-Bażilika jkun fl-4.00, fil-5.30 u fit-8.00pm.*

## Is-Sibt 1 ta' April
## Vġili ta' Ħadd il-Palm

**8.00pm:** Laqgħa ta' talb u fejqan immexxija minn Patri Marcello Ghirlando OFM għall-komunità parrokkjali, b'mod speċjali dawk li jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u fl-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

## Il-Ħadd 2 ta' April
## ĦADD IL-PALM U L-PASSJONI TAL-MULEJ

*F'dan il-jum il-Knisja tfakkar id-daħla ta' Kristu Sidna f'Ġerusalemm biex itemm il-Misteru tal-Għid. Fil-quddiesa prinċipali jsir it-tberik taż-żebbuġ.*

**10.30am:** Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza. Wara, purċissjoni solenni lejn il-Bażilika b'tifkira liturġika tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm immexxija mill-Arċipriet, bis-sehem speċjali tat-tfal.
**11.00am:** Konċelebrazzjoni solenni b'tifkira tal-Passjoni tal-Mulej immexxija mill-Arċipriet.
**4.30pm:** Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata.
**8.00pm:** Kunċert ta' mużika sagra bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella (dir. Dr John Galea).

## It-Tnejn 3 ta' April
## IT-TNEJN TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
## Il-Festa Parrokkjali tar-Redentur

**6.00pm:** Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali.
**7.00pm:** Pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa devota tar-Redentur mill-Knisja ta' San Franġisk għall-Bażilika ta' San Ġorġ, li matulu jingħadu t-talbiet tal-Ħames Pjagi u tar-Rużarju mqaddes.

## It-Tlieta 4 ta' April
## IT-TLIETA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

**5.30pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm:** Ċelebrazzjoni penitenzjali mmexxija mill-Arċipriet li fiha ssir l-Ewwel Qrara.

## L-Erbgħa 5 ta' April
## L-ERBGĦA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

**5.30pm:** L-aħħar quddiesa tal-ġurnata.
**7.00pm:** Meditazzjoni animata tal-Via Crucis, b'adorazzjoni, talb ta' maħfra u qrar, fil-Bażilika.

## Il-Ħamis 6 ta' April
## ĦAMIS IX-XIRKA

*Il-jum ta' Ħamis ix-Xirka jfakkar it-twaqqif taż-żewġ sagramenti kbar tal-Ewkaristija u l-Ordni Sagri. F'dan il-jum ma jsirx Quddies ħlief dik tal-Griżma filgħodu fil-Knisja Katidrali, li fiha l-Isqof djoċesan ibierek u jikkonsagra ż-Żjut imqaddsa li jintużaw matul is-sena fis-sagramenti tal-Magħmudija, il-Konfirmazzjoni u d-Dilka tal-Morda, u jieħu sehem il-kleru kollu tad-Djoċesi. Filgħaxija ssir it-Tifkira solenni tal-Ikla tal-Mulej awl il-lejl qabel ma bata għall-fidwa tagħna, li tinkludi r-Rit tal-Ħasil tar-Riġlejn.*

**9.00am:** Konċelebrazzjoni pontifikali tat-Tberik taż-Żjut fil-Knisja Katidrali mmexxija mill-Isqof, bis-sehem tal-kleru djoċesan.

**5.00pm:** Konċelebrazzjoni solenni b'tifkira tal-Ikla tal-Mulej immexxija mill-Arċipriet. Fit-tmiem, Translazzjoni solenni bis-Sagrament Imqaddes lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni, fejn jibqa' għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa filgħodu.

*Il-ġabra li ssir f'dan il-jum tkun għall-membri tal-kleru djoċesan li jiddipendu mill-ġenerożità tal-poplu ta' Alla għall-għajxien.*

**7.00pm:** Ħruġ Solenni tal-Purċissjoni antika, devota u penitenzjali tal-Passjoni (pre-1788) bil-Kurċifiss mirakuluż, kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi (1848). Jieħdu sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru tal-Parroċċa bil-kant tradizzjonali tal-*Miserere*, il-Banda Ċittadina u Dekana La Stella u l-Banda Konti Ruġġieru (ir-Rabat, Malta) bid-daqq ta' marċi funebri, u l-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri li jesegwixxi motetti sagri.

## Il-Ġimgħa 7 ta' April
## IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

*F'dan il-jum il-poplu ta' Alla mitlub josserva s-sawm u l-astinenza, u ma jiġix iċċelebrat quddies u ebda sagrament. It-Tifkira solenni tal-Passjoni tal-Mulej issir waranofsinhar u tkun maqsuma fi tliet partijiet: il-Liturġija tal-Kelma bir-rakkont tal-Passjoni skont San Ġwann, il-Manifestazzjoni u l-Adorazzjoni tas-Salib, u t-Tqarbin (għal min irid).*

**8.00am:** Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-poplu.
**10.00am:** Meditazzjoni dwar il-Passjoni u Żjajjar tas-Seba' Knejjes għall-membri tal-Grupp 23four.
**3.00pm:** Liturġija solenni b'tifkira tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej immexxija mill-Arċipriet.

## Is-Sibt 8 ta' April
## IS-SIBT TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

*Is-Sibt tal-Ġimgħa Mqaddsa l-Knisja tgħaddih bi ħsiebha biss fit-tbatija u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Hija tibqa' tishar mal-qabar tiegħu flimkien ma' Marija, tneżża' l-altar u tiċċaħħad mis-sagrifiċċju tal-quddiesa, sakemm imbagħad, wara l-Vġili solenni fl-istennija tal-Qawmien tal-Mulej, hija tinfexx fil-ferħ tal-Għid li jibqa' jfawwarha bl-hena għal ħamsin jum sħiħ. Xieraq li dan is-sens ta' sahra l-ġemgħa Kristjana żżommu bis-sawm.*

**8.00am:** Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-poplu.

## IL-VĠILI SOLENNI
## TAL-QAWMIEN TAL-MULEJ MILL-IMWIET

*Bi drawwa l-iktar qadima fil-Liturġija tagħha l-Knisja tiċċelebra dan il-lejl bħala l-aktar għażiż u qaddis fost iċ-ċelebrazzjonijiet kollha tagħha. Il-fidili jżommu l-imsiebaħ tagħhom mixgħula u jkunu bħal qaddejja jistennew 'il Sidhom lura, biex malli jiġi, isibhom jishru u jqegħidhom fuq il-mejda miegħu. Il-Vġili ta' dan il-lejl, li fih kollox hu ġdid, jitqassam hekk: ir-rit tat-Tberik tan-Nar u tal-Mixegħla tad-Dawl tal-Blandun, it-Tħabbira solenni tal-Qawmien tal-Mulej, il-Liturġija tal-Kelma li tiġbor fiha l-wegħdiet kollha tas-salvazzjoni, ir-rit tat-Tberik tal-Ilma u tal-Magħmudija li hi s-sagrament proprju ta' dan il-lejl qaddis, u ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.*

**8.30pm:** Liturġija solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid tal-Qawmien tal-Mulej immexxija mill-Arċipriet.

## IL-ĦADD 9 TA' APRIL
## L-GĦID IL-KBIR
## TAL-QAWMIEN TAL-MULEJ MILL-IMWIET

*B'dan il-jum jiftaħ iż-żmien qaddis tal-Għid li jtul ħamsin ġurnata u jintemm nhar Għid il-Ħamsin. Hu żmien li fih il-Knisja tiċċelebra bil-ferħ l-akbar misteru tal-fidi tagħha. L-ewwel tmint ijiem jissejħu l-Ottava tal-Għid u jiġu ċċelebrati qishom jum wieħed.*

**8.45am:** Purċissjoni solenni bl-istatwa artistika ta' Kristu Rxoxt, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella.
**11.00am:** Konċelebrazzjoni pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika.

# INNOTA

- Il-kant sagru waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jsir mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u mill-iSchola Cantorum Gregoriana, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, Maestro di Cappella.

- Il-qrar isir kuljum fil-Bażilika u fil-Kmamar tar-Rikonċiljazzjoni. Tkun ħaġa sabiħa li l-qrara ma titħalliex għal waqt il-quddiesa li wieħed ikun sa jieħu sehem fiha.

- F'dan l-istaġun tar-Randan l-istazzjon tar-Radju tal-Parroċċa Leħen il-Belt Victoria (104.00MHz FM Stereo) ixandar il-funzjonijiet kollha diretti għall-benefiċċju tal-anzjani u l-morda. Wieħed jista' jsegwi dawn iċ-ċelebrazzjonijiet fuq il-websajt parrokkjali www.stgeorge.org.mt kif ukoll permezz tal-live streaming fuq il-Paġni ta' Facebook (www.facebook.com/stgeorge.org.mt) u ta' Youtube (www.youtube.com/ stgeorgesbasilica).

## PARTIĊIPAZZJONI
## FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Il-kitba għall-partiċipazzjoni fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tiftaħ nhar l-Erbgħa tar-Rmied, 22 ta' Frar 2023, fl-Uffiċċju Parrokkjali (mob: 9955 7300; email: info@stgeorge.org.mt). Jistgħu jinkitbu tfal minn ħames snin 'il fuq. Dawk li jixtiequ jġorru l-ktajjen b'wegħda jew b'penitenza huma mitluba javviċinaw lis-Sur Noel Sultana (mob: 9925 3653).